MDINA
*Città Notabile*

**Kunsill Lokali Mdina**

**MINUTI TAL-LAQGĦA NRU 3 TAS-SITT KUNSILL**

| | |
|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL |
| **DATA** | 17 ta' Settembru 2009 |
| **ĦIN** | 1.30pm |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Sindku | Peter Sant Manduca |
| | Viċi Sindku | Joseph Debono |
| | Kunsillier | Frederick Azzopardi |
| | Kunsillier | Jane Attard |
| | Kunsillier | Camilla Scerri |
| | Segretarju Eżekuttiv | Noel Cini |

**1.00 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.01 Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi ppropona li l-minuti jittieħdu bħala moqrija u wara staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk riedux iressqu xi emendi għall-minuti li kienu mibgħuta ma' l-aġenda.

1.02 Minħabba li ma kien hemm ebda tibdil, is-Sindku ppropona li dawn il-minuti jiġu approvati kif preżentati. Il-Kunsillieri preżenti qablu ma' din il-proposta.

**2.00 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

2.01 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni ghal para 5.11 dwar Kampanja ta' Tindif imnedija mis-Segretarju Parlamentari u qal li l-Kunsill kien applika sabiex jieħu sehem f' din l-inizjattiva. Il-Kunisllier Scerri qalet li kienet qed tlesti numru ta' proposti sabiex jiġu sottomessi f' din l-inizjattiva.

2.02 Is-Sindku qal li l-Kunisll għandu jagħmel talba lill-Ministru tal-Finanzi sabiex tiżdied l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali tagħna – dawk preżenti qablu li għandha ssir din l-ittra.

2.03 Is-Sindku ppropona wkoll li għandha ssir laqgha ma' l-ADT dwar il-possibilta` li tiġi organizzat iż-żona tad-daħla tal-Bieb ta' l-Imdina.

**3.00 DISKUSSJONI U APPROVAZZJONI TAL-BUSINESS PLAN**

3.01 Wara li saret diskussjoni qasira, is-Sindku ippropona li l-Business Plan kif preżentat mis-Segretraju Eżekuttiv jiġi approvat. Dawk preżenti qablu ma din il-proposta u għalhekk il-Business Plan 2009-2010 ġie approvat.

**4.00 DISKUSSJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT AMMINISTRATTIV**

4.01 Saret diskussjoni qasira dwar dan ir-rapport u s-Sindku ippropona li dan ukoll jiġi approvat kif preżentat mis-Segretarju Eżekuttiv. Dawk preżenti qablu ma din il-proposta u għalhekk ir-Rapport Amministrattiv 2008-2009 kien approvat.

**5.00 KORRISPONDENZA**

5.01 Ittra mingħand is-Sur Michael Tabone dwar il-problema ta’ vetturi weqfin fi Triq San Pawl biex iħottu affarijiet fil-Likanda Xara Palace. Il-Kunsill qabel li tintbagħat risposta fejn tgħid li l-Kunsill ser jitlob parir lill-Kumitat Konġunt sabiex jaraw x’ tip ta’ traffic management jista’ jsir f’ din it-triq bil-possibilta` li titwaħħal cctv sabiex din il-problema tiġi eliminata..

5.02 Is-Sur Martin Manduca staqsa lill-Kunsill dwar x’ kulur ser jinżebgħu l-bibien ta’ l-Imħażen, dwar meta kien hemm il-ħsieb li jinbeda x-xogħol u dwar x’ tip ta’ manutenzjoni ser issir fuq l-istess bibien. Il-kulur tal-bibien kellu jkun fuq il-biege filwaqt li bħala manutenzjoni dawn kienu ser jiġu xkatlati ħafif qabel ma tingħata ż-żebgħa. Dwar meta ser jibda x-xogħol fuq il-bibien, il-Kunsill kien għad irid isib persuna sabiex tagħmel dan ix-xogħol.

5.03 Ittra mingħand is-Sur David Battistino, Segretarju tal-Fondazzjoni Majjistral Action Group dwar seminar li kien ser isir fil-Kunsill Lokali ta’ l-Imidna nhar it-23 ta’ Ottubru 2009. Il-Kunsill qabel li jiġu provduti xi drinks għal wara dan is-seminar.

5.04 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Għajn Hamam fejn dawn qed jistaqsu jekk il-Kunsill kienx interessat li jitlob id-devoluzzjoni ta’ dan il-bini. Il-Kunisllier Azzopardi kif ukoll is-Segretarju qalu li l-Kunsill għandu jitlob id-devoluzzjoni ta’ dan il-bini wara li dan jiġi rranġat għax kien fil-periklu li jiġġarraf. Il-Kunsill ikkunsidra wkoll il-possibilta’ li tintalab id-devoluzzjoni tal-bini ta’ l-istazzjon tal-ferrovija li hemm aktar l-isfel minn Għajn Hamam. Il-Kunsill iddecieda favur iż-żewġ proposti.

5.05 Ittra mill-AFM mibgħuta lill-istabbilimenti kummerċjali dwar l-attivita`li ser jagħmlu fl-Imdina fit-2 ta’ Ottubru biex jitfakkar id-39 anniversarju mit-twaqqif tal-Forzi Armati ta’ Malta.

5.06 Ittra oħra mingħand is-Sur David Battistino, Segretarju tal-Fondazzjoni Majjistral Action Group fejn qed tintalab lista ta’ l-attivitajiet kulturali li normalment isiru fl-Imdina matul is-sena. Il-Kunsill qabel li din il-lista tkun

tinkludi l-Medieval festival, il-ħarġiet kulturali għar-residenti, il-Kunċert tal-Milied, il-festa tal-Madonna tal-Karmnu, u l-festa ta' l-Imnarja tal-katidral.

5.07 Talba mingħand is-Sinjorina Stephania Attard sabiex tagħmel użu mill-ground tal-football għal parkeġġ waqt tieġ tagħha fid-19 ta' Gunju 2010. Il-Kunsill qabel li japprova din it-talba billi tintalab donazzjoni ta' euro100.00, li jinġieb warden, li l-post jitħalla nadid u li ma ssirx ħsara fil-ground.

5.08 Applikazzjoni li rceviet il-MEPA dwar spustjar tat-tourist binoculars bi ftit metri – 03898/09

5.09 Invit mill-Assocjazzjoni tal-Kuniislli Loklai dwar laqgħa li ser issir dwar it-tariffi tar-rimi ta' skart fil-landfill.

5.10 Email mingħand is-sur Randoph Spiteri fejn dan qed jissuġġerixxi lill-Kunsill sabiex joħoġ bye law dwar id-dħul tal-karozzini fl-Imdina minħabba li l-ADT m'hix ser tkun f'pozizzjoni li toħroġ l-avviż legali għal issa. Il-Kunsill qabel li ssir laqga ma' Dr Malcolm Mifsud dwar din il-bye law u dwar il-bye law dwar tfiegħ ta' konfetti waqt tiġijiet.

**6.00 AFFARIJIET OHRA**

5.06 Dwar Memo 42/2009 - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010 is-Sindku qal li kien mela' l-applikazzjoni għal fondi. Huwa talab l-approvazzjoni sabiex l-attivita` Medieval Festival tinżamm bejn it-3 u l-4 ta' April 2010. Il-Kunsill approva.

6.01 Is-Sindku tkellem dwar il-kamra fit-torri ta' l-istandard li kienet ser tinbidel f' ufficcju ta' informazzjoni għat-turisti. Huwa ppreżenta wkoll xi pjanti u stampi dwar kif qed ikun propost li din tintrama. Huwa qal li l-ispejjes kienu ser jinħarġu mill-MTA.

6.02 Is-Segretarju informal l-Kunisll li kienet daħlet applikazzjoni waħda għal vakanza ta' skrivan part-time mal-Kunsill. Sar qbil li l-interview ma' l-applikanta ssir nhar il-Hamis fis-1.00pm, u li kienu ser ikunu preżenti is-Sindku, il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għal waqt l-interview.

6.03 Is-Sindku qal li kien wasal iż-żmien li l-Kunsill, bħal Kunsilli oħra jkollu website tiegħu. Hu qal li kien ġab stima li kienet tammonta għal euro 800.00. Il-Kunsill approva din l-istima dwar website.

6.04 Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lir-residenti fejn infakkruhom sabiex ma jinħariġx skart minn filgħaxija.

6.05 Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lis-sidien tal-ħwienet fejn ninfurmawhom sabiex ma jintefax ilma barra t-triq.

6.06 Il-Kunsill qabel li jintbagħat reminder lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq sabiex naraw f' hix wasal il-proċess taż-żewġ talbiet li kien għamel il-Kunsill xi xhur ilu, u li kienu ġew ukoll approvati mill-istess kumitat.

6.07 Is-Segretarju qal li dwar iż-żjara tar-Re ta' Spajna f' Novembru, u l-proposta tal-Kunsill għad qed nistennew risposta mill-OPM u dan wara li ntbagħtet informazzjoni riċerkata dwar iż-żjarat li rejiet ta' Spanja kienu għamlu fl-Imdina fil-passat.

6.08 Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-Lukanda Xara Palace sabiex dawn ma jaħslux il-litter bins tagħhom fi Triq San Pawl.

6.09 Is-Sindku qal li ghandu nformazzjoni mill-OPM li l-ġemellaġġ bejn Zaragoza u l-Imdina kien ġie approvat.

6.10 Il-Kunsillier Scerri qalet li kienet ser iġġib xi stimi dwar xi slide tal-plastic sabiex din titpoġġa fil-bandli. Sadanittant għandna wkoll niċċekkjaw mal-Kunsill ta' l-Imsida dwar xi apparat li dawn għamlu fil-ġnien pubbliku tas-Swatar.

6.11 Il-Kunsill iddeċieda li jibgħat reminder dwar talba għal laqgħa li kien ghamel ma' l-MRRA dwar il-proġett tal-foss ta' l-Imidna.

6.12 Is-Sindku qal li għandu jitqabbad perit sabiex jagħmel rapport li jkun jinkludi wkoll stima dwar ir-restawr tal-Banca Giuratale, u dan minħabba li l-Casino Notabile kien ser jiġi rranġat mir-Restoration Unit fi ħdan l-MRRA.

6.13 Il-Kunsill qabel li għandha tinġieb stima dwar xi bankijiet sabiex jinbidlu dawk li hemm madwar il-bandli. Il-bankijiet għandhom ikunu simili għal dawk li kienu twaħħlu ħdejn id-Domus Ruman.

6.14 Il-Kunsillier Scerri tkellmet dwar il-possibilta` li l-Kunsill joħroġ newsletter. Il-Kunsill qabel li jibda joħroġ newsletter darbtejn fis-sena bl-ewwel waħda toħroġ għal Diċembru li ġej. Il-Kunsillier Scerri ġiet inkarigata tiġbor l-istimi u tieħu ħsieb din-newsletter.

6.15 Il-Kunsill qabel li tibda tintbagħat kartolina f' għeluq snin ir-residenti ta' l-Imdina u għalhekk il-Kunisll kien ser jikteb l-Ufficcju tal-Karta ta' l-Identita` sabiex jingħata din l-informazzjoni dwar ir-residenti tal-lokalita`.

6.16 Il-Kunsill approva wkoll il-quarterly reports tal-Kunsill ghax-xhur ta' April – Gunju 2009.

**7.00 APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET GHAX-XHUR TA' AWWISSU U SETTEMBRU 2009 U XI STIMI**

7.01 Is-Segretrau talab l-approvazzjoni ta' ħlasijiet għax-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009 li tinkludi wkoll lista ta' ħlasijiet b' konnessjoni ma' l-attivita` Medieval Mdina.

7.02 Is-Segretarju talab ukoll l-approvazzjoni għal dawn l-istimi ta' xogħol:

- Stima dwar xogħol ta’ tindif u ġbir ta’ ħaxix wara li tnaddfu s-swar minn ħaddiema tar-Restoration Unit li tammonta għal 220.00 ewro;

- Stima dwar xogħol ta’ żbir ta’ sigar ħdejn Gajn Hamam u qtugħ ta’ ħaxix mill-Istazzjon sa l-Imtarfa Bypass li tammonta għal 530.00 ewro;

- Stima dwar xogħol ta’ bdil ta’ bozoz u xogħol ieħor b’ konnessjoni mad-dawl tat-toroq u up lighters, li tammonta għal 210.00 ewro;

7.03 Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda kont ta’ ewro 1244.34 mingħand Agriproducts u staqsa jekk xi ħadd mill-Kunillieri kienx jaf b’ dan il-kont. Minħabba li ħadd ma jidher li kien ordna dan ix-xogħol is-Segretarju kien ser jiċċekkja ma’ l-Agriproducts dwar dan il-kont.

7.04 Dwar l-istma mibgħuta minn Anton Zarb dwar xi tabelli, il-Kunsill inkariga lill-Viċi Sindku sabiex iġib xi disinn ieħor u stima oħra minħabba li dawk proposti ma kienux addattadi.

**8.00 AGGORNAMENT**

8.01 Is-seduta ġiet fi tmiemha fl-4.00pm minħabba li l-items ta’ fuq l-aġenda ġew kollha eżawriti.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Noel Cini |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |